Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/06*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 06 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 23 ta' Awwissu, 2013 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-05

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Mill-Minuti 7-005

3.01 **Paragrafu 7.04 –** Għal darb'oħra l-Kunsill iddiskuta dwar il-problema li qed joħolqu l-istabbilimenti kummerċjali (farmhouses) li hawn fir-raħal ta' L-Għasri, l-aktar fi Triq il-Fanal. Il-Kunsillier Frank Formosa qal li l-ilmenti ma waqfux u s-sitwazzjoni ghadha l-istess. Is-Sindku ippropona li nibgħatu ittra/ email oħra lis-sidien ta' dawn l-istabbilimenti u navzawhom li jekk mhux ser jikkoperaw mal-Kunsill, il-Kunsill ser ikun kostrett jieħu l-passi meħtieġa. Il-Kunsill irid jagħmilha ċara ma' dawn is-sidien li dawn huma stabbilimenti kummerċjali, u għalhekk il-Kunsill mhux obbligat li jiġbor l-iskart tagħhom.

3.02 **Paragrafu 7.06 –** Dwar biex jinbena ħajt fi triq ġdida fi Triq Dun Karm Caruana, is-Sindku qal li s-Sur Noel Xerri kien infurmah li l-ħajt se jibnuh huma stess.

## 4. Attivita fl-okkażjoni ta' Jum L-Għasri

Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivita li għandha tiġi organizzata biex jitfakkar u jiġi ċelebrat Jum L-Għasri. L-attivita ser issir is-Sibt 28 ta' Settembru u tibda fis-6.30pm.

Il-Kunsill qabel li għandha issir attivita simili għal dik li saret dawn l-aħħar snin. Se tkun organizzata quddiesa u wara ikla għar-residenti kollha. Il-Kunsill qabel li għandu isir ix-xogħol meħtieġ sabiex din tkun tista' tiġi organizzata. Is-Sindku ippropona ukoll sabiex għal din l-okkażjoni ninvolvu lill-Kumitat tal-Festa. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku. Il-Kunsill qabel ukoll li s-Sindku għandu jikkordina biex isir ix-xogħol meħtieġ.

**5. Laqgħa Pubblika dwar il-Pjan Lokali**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kellu laqgħa mas-Sur Chris Attard (Uffiċċjal tal-Mepa) fejn ġie diskuss il-pjan lokali dwar L-Għasri. Waqt din il-laqgħa issemmew diversi punti fosthom biex tiġi skedata art biex tiġi żviluppata fi playing field, biex Sqaq San Pupulju ikun Urban Improvement Areas, biex il-Fanal ta' Ġordan u Wied L-Għasri jiġu klassifikati bħala post ta' valur u attrazzjoni turistika, biex il-pjazza tar-raħal tkun klassifikata f'post fejn jista' joħroġ permess Class 6 u possibilta ta' xi park f'L-Għasri u b'hekk jattira aktar nies minn barra r-raħal. Is-Sindku qal ukoll li issemma open storage iżda irid ikun f'post adattat u li ma jkerrahx l-ambjent. Barra minn hekk is-Sindku oppona għall-ideja li fir-raħal ta' L-Għasri tinbena xi kamra tan-nar li tkun qrib zoni residenzjali.

Is-Sindku ippropona li tiġi organizzata laqgħa pubblika sabiex ir-residenti ikollhom l-opportunita li jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom dwar il-pjan lokali. Dawn imbagħad ngħadduhom lill-Mepa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Il-laqgħa pubblika ser issir nhar is-Sibt 31 ta' Awwissu fis-7.15pm.

**6. Korrispondenza**

6.01 Memo 19/2013 – Każijiet quddiem il-Bord ta' Governanza Lokali.

6.02 Memo 20/2013 – Korsijiet għall-Adulti (Lifelong Learning Classes)

6.03 Is-Sur Joe Attard minn Greenmt informa lill-Kunsill li l-ġbir ta' ħġieġ riċiklabbli kull nhar ta' Ħamis għandha tieqaf peress li mhix vijabli. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta. Is-Sindku informa lill-Kunsill li diġa ktibna lis-Sur Attard biex niltaqgħu u niddiskutu kif nistgħu inkomplu b'dan is-servizz. Il-Kunsill qabel li nissuġġerixxu li l-ġbir tal-ħġieġ jibda jsir darba fix-xahar u b'hekk innaqqsu mill-ispejjeż.

6.04 L-AKL infurmat lill-Kunsill li l-laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa u s-Sibt 27 u 28 ta' Settembru.

6.05 Il-Gozo Action Group infurmaw lill-Kunsilli Lokali li ħarġet t-tieni sejħa taħt l-programm M313. Il-Meusac hija lesta li tgħin lil dawk il-Kunsilli li huma interessati japplikaw. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa diġa ikkuntattja lill-Meusac sabiex napplikaw għall-fondi. Is-Sindku ippropona li napplikaw sabiex intejbu l-aċċess għal Wied L-Għasri billi t-triq tingħatha kisja bit-tarmak. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser isir ix-xogħol meħtieġ biex timtela l-applikazzjoni.

6.06 Marthese Baldacchino mill-Mepa infurmat lill-Kunsill li L-Urban Improvement Fund tela' għal €4,076.10. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill japplika sabiex dawn il-flus jintużaw fil-proġett ta' twessigħ ta' Triq il-Ġonna u jiġu installati lampi fl-istess triq peress li għad m'hemmx dawl u hija mudlama ħafna. Il-

Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser issir l-applikazzjoni dwar dan il-proġett biex il-Kunsill jingħata fondi mill-UIF.

**7. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-06 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**8. Materja oħra**

8.01 Is-Sindku ippropona sabiex tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni għal xogħlijiet ta' restawr tal-pedestalli ta' fuq iz-zuntier fi Pjazza s-Salvatur. Is-Sindku ippropona li għandna noħorġu żewġ kwotazzjonijiet, waħda għal kull pedestall. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk il-Perit John Saliba se jiġi mitlub sabiex jipprepara d-dokumenti biex tinħareġ din il-kwotazzjoni. Il-fondi għal dan ix-xogħol se jiġu mill-iskema speċjali dwar postijiet storiċi.

8.02 Is-Sindku ippropona sabiex isir traffic management fi Pjazza s-Salvatur peress li qed isiru diversi inċidenti. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-Transport Malta sabiex tapprova li jsiru sinjali ta' Stop fejn il-bus shelter.

8.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li biex issir l-assikurazzjoni fuq il-post tal-Kunsill jinħtieġ li nixtru fire extinguisher. Il-Kunsill qabel li nixtru set ta' fire extinguisher adattat għall-uffiċċju.

8.04 Peter Zammit ilmenta dwar il-fatt li minn meta sar xi xogħol fi Triq Għammar il-bir tiegħu mhux qed jirċievi ilma tax-xita. Is-Sindku se jiltaqa' ma' Peter Zammit fuq il-post biex jaraw x'inhu l-aħjar li jista' biex tissolva din il-problema.

8.05 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għandna bżonn li jsir xkaffar ġdid fl-uffiċċju. Il-Kunsill qabel li għandna nordnaw dawn l-ixkaffi għand Joseph Attard.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru, 2013 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |